# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-1 ta' Decembru, 2015.**

**Rikors Numru 605/2014 SM**

**Karina Borg Olivier**
**(300000L) f'isimha proprju kif ukoll**
**bhala mandatarja specjali ta' Nicolas**
**Papaioannou (Pass. Ingliz Nru:**
**801402677), kif ukoll in rapprezentanza**
**tad-Diplomatiku Dr. Alexander u Catherine**
***sive* Kathleen (857747 M) konjugi Borg**
**Olivier u Nikolai Borg Olivier (16447 (A))**

**vs.**

**Karim Cordina (501872 M)**
**u b'digriet tal-5 ta' Novembru, 2014, il-Qorti**
**ordnat il-kjamat in kawza ta' Sacha Muscat Inglott**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur mahluf minn Karina Borg Olivier u datat it-8 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu sintetikament esponiet s-segwenti:

1.1. Illi kienet f'negozju ma' l-intimat ghal xiri bl-ingrossa ta' prodotti tax-xorb u l-ikel, kafe`, cikkulati u bibiti, minghand grossissta l-Italja biex jinbieghu ghall-profitt lil terzi;

1.2. Illi l-intimat kien offra qliegh fiss lir-rikorrenti fuq il-kapital li din xtaqet tinvesti f'dan in-negozju u anke ffirma cekkijiet favur ir-rikorrenti korrispondenti ghall-hlasijiet li kellhom isiru f'dati fissi;

1.3. Illi r-rikorrenti harget l-ewwel kapital minn flusha personalment;

1.4. Illi r-rikorrenti l-ohra halsu somom ohra lill-intimat biex jigi konkretizzat in-negozju *de quo*;

1.5. Illi l-intimat iffirma tmin (8) ftehimiet mar-rikorrenti li dehret ukoll ghar-rikorrenti l-ohra fuq l-istess;

1.6. Illi l-ewwel hlas kellu jsir fl-1 ta' Gunju, 2013, f'zewg (2) pagamenti, wiehed ta' €52,290.00, u iehor ta' €49,275.00, (ara foll 33 u 35), liema cekkijiet ma ssarfux ghaliex gew riferiti lill-mittent;

1.7. Illi l-pagamenti l-ohra kellhom isiru kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur (ara foll 3);

1.8. Illi ghalhekk, is-somma komplessiva dovuta mill-intimat lir-rikorrenti hi ekwivalenti ghal tlett mija u tlieta u sebghin elf, erbgha mija u Ewro, (€373,401.00);

1.9. Illi minn dan l-ammont l-intimat ghadu ma hallas xejn;

1.10. Illi *nonostante* li interpellat biex jaddivjeni ghall-hlas dovut minnu, l-intimat baqa` inadempjenti;

1.11. Illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti hu dejn cert, likwidu u dovut, u l-intimat m'ghandu l-ebda risposta fir-rigward;

1.12. Illi ghalhekk hemm l-elementi kollha rikjesti mill-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

1.13. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex:

1.13.1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispenza tas-smiegh *a tenur* ta' l-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap fuq indikat;

1.13.2. Tiddikjara li l-intimat hu debitur tar-rikorrenti *proprio et nomine* fis-somma ta' €373,401.00, bl-interessi relattivi mid-data ta' l-iskadenza ghall-hlas skont kull ftehim sad-data ta' l-effettiv pagament;

1.13.3. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti *proprio et nomine*;

1.13.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat in-nota ta' l-intimat datata l-20 t'Ottubru, 2014, li permezz taghha ssolleva sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi l-procedura hi irregolari *stante* li gie notifikat bil-procedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni meta kien imsiefer;

2.2. Illi fil-mertu, it-talbiet huma infondati;

2.3. Illi ghalhekk, fid-dawl tal-principju *audi alteram partem*, ghandu jinghata l-opportunita` jipprezenta risposta u provi fir-rigward;

2.4. Illi r-rikors guramentat promotur gie pprezentat meta r-rikorrenti kienet assenti minn Malta, u dan bi ksur ta' l-artiklu 189 tal-Kap 16 ta' l-istess ligijiet, *recte* l-artiklu 156 tal-Kap 12 ta' l-istess ligijiet;

2.5. Illi r-rikorrenti ma tistax tidher bhala rapprezentant ta' persuni residenti f'Malta;

2.6. Illi fil-mertu jsostni li mhux minnu li kien sar negozju bejn il-partijiet kif allegat;

2.7. Illi kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimat kienu vittmi ta' skema frawdolenti mwettqa minn Sacha Muscat Inglott li ghandu jigi kjamat in kawza;

2.8. Illi r-rikorrenti volontarjament assumiet l-istess riskji ta' l-intimat;

2.9. Illi l-kuntratti *in atti* saru biex tinghata sembjanza ta' negozju li kienu jahbu imghaxijiet ammontanti ghal 160% fis-sena, u ghalhekk illegali;

2.10. Illi r-rikorrenti kienet konxja li l-intimat kellu eccezzjonijiet x'iressaq;

2.11. Illi ghaldaqstant talab li jkun awtorizzat iressaq risposta guramentata;

3. Rat id-digriet taghha datat it-22 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti fir-rigward, awtorizzat lill-intimat biex jipprezenta risposta guramentata fit-terminu hemm indikat, (ara foll 104);

4. Rat id-digriet ulterjuri taghha datat il-31 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, awtorizzat il-kjamata fil-kawza ta' Sacha Muscat Inglott, (ara foll 105 u 108);

5.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-31 t'Ottubru, 2014, (ara foll 109), li permezz taghha l-intimat sintetikament espona s-segwenti:

5.1. Illi l-proceduri odjerni huma nulli *stante* li r-rikors guramentat promotur gie pprezentat meta r-rikorrenti *proprio et nomine* kienet assenti minn Malta u residenti l-Ingilterra;

5.2. Illi l-istess rikorrenti ma tistax tidher bhala rapprezentant ta' persuni residenti Malta ghaliex dawn iridu jidhru personalment;

5.3. Illi fil-mertu jigi sintetikament ribadit is-segwenti:

5.3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti *proprio et nomine* ghandhom jigu michuda;

5.3.2. Illi mhux minnu li sar negozju bejn il-partijiet;

5.3.3. Illi l-partijiet kienu vittmi ta' skema frawdolenti mwettqa minn Sacha Muscat Inglott li ha l-flus biex jinvestihom izda rrizulta li mar jilghabhom;

5.3.4. Illi r-rikorrenti kienet taf fejn sejrin il-flus u assumiet l-istess riskji ta' l-intimat;

5.3.5. Illi l-iskritturi huma infantili u inghataw imghaxijiet inverosimili u illegali;

5.3.6. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti *proprio et nomine* ghandhom jigu michuda;

5.3.7. Bl-ispejjez;

6.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-9 ta' Frar, 2015, (ara foll 147), li permezz taghha il-kjamat in kawza rrisponda sintetikament bil-mod segwenti:

6.1. Illi r-rikorrenti dahlet f'negozju ma' l-intimat u mhux mieghu;

6.2. Illi l-kjamat in kawza kien parti minn grupp involuti f'negozju li mar hazin;

6.3. Illi hu m'ghandux tort ta' dak li gara;

6.4. Illi mhux debitur tar-rikorrenti *proprio et nomine*;

6.5. Illi mhux minnu li hu kien involut fi skema frawdolenti;

6.6. Salv risposti ulterjuri;

7. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess jindirizzaw l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari, (ara foll 149);

8.0. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Lulju, 2015, (ara foll 164), li permezz tieghu:

8.1. Iddiferiet il-kawza ghas-sentenza preliminari;

8.2. Awtorizzat lill-abbli rapprezentant legali ta' l-intimat, wara talba appozita, biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet sat-terminu hemm indikat;

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat datata s-7 t'Awwissu, 2015, (ara foll 171);

10. Tinnota li sa l-iskadenza imposta r-rikorrenti ghazlu li ma jottemporawx ruhhom mill-opportunita` lilhom moghtija;

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi jigi sottolineat li din il-procedura hi limitata f'dan l-istadju ghall-epurazzjoni ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat Cordina, senjatament:

13.1. Illi l-procedura odjerna kif inizzjata mir-rikorrenti *proprio et nomine* hi nulla *stante* li meta intavolat ir-rikors guramentat promotur taghha fir-registru tal-qrati, hi effettivament kienet assenti minn Malta;

13.2. Illi ma tistax tidher bhala rapprezentant f'atti gudizzjarji meta l-persuni li qed tirrapprezenta effettivament jirrisjedu u huma prezenti f'Malta;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi mix-xhieda prodotta fir-rigward jirrizulta is-segwenti:

14.1. Illi r-rikorrenti *proprio et nomine* hi mizzewga cittadin ingliz u hi ordinarjament residenti l-Ingilterra, (ara foll 156);

14.2. Illi l-istess rikorrenti ghandha wkoll ir-residenza taghha f'Malta, (ara foll 156);

14.3. Illi ghalkemm tghix abitwalment Londra, tigi Malta spiss, (ara foll 156);

14.4. Illi ma tafx jekk kienet Malta fit-8 ta' Lulju, 2014, ghaliex tivvjagga hafna, (ara foll 156);

14.5. Illi ma tiftakarx meta intavolat ir-rikors guramentat promotur, (ara foll 156);

14.6. Illi tikkonferma li l-affidavit taghha datat it-30 ta' Mejju, 2014, kien ikkonfermat bil-gurament mall-prokuratur legali taghha, (ara foll 15 u 156);

14.7. Illi meta mistoqsija kienitx Malta fit-8 ta' Lulju, 2014, data ta' meta gie intavolat ir-rikors guramentat promotur in dizamina, r-rikorrenti *de quo* iddikjarat li ma tiftakarx, (ara fol 157);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi l-prokuratur legali involut jafferma s-segwenti:

15.1. Illi r-rikors guramentat promotur kien gie pprezentat fir-registru tal-qrati minnu stess, (ara foll 162);

15.2. Illi fil-gurnata meta l-imsemmi rikors kien gie pprezentat fl-istess registru, r-rikorrenti Karina Borg Olivier ma kienitx prezenti fir-registru, (ara foll 162);

15.3. Illi l-att in dizamina kien gie mahluf mill-istess rikorrenti fit-30 ta' Mejju, 2014, (ara foll 162);

15.4. Illi r-rikorrenti ma kienet halliet l-ebda prokura jew mandat fir-rigward, (ara foll 162);

Ikkunsidrat:

16.0. **Rigward l-ewwel eccezzjoni:**

16.1. Illi *a tenur* ta' l-artiklu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad sintetikament is-segwenti:

16.1.1.i. Illi rikors guramentat promotur li ssostitwixxa l-procedura bic-citazzjoni precedentement vigenti ghandu jitlesta mill-attur;

16.1.1.ii. Illi ghall-finijiet in dizamina l-istess rikors guramentat ghandu jigi konfermat bil-gurament quddiem ir-registratur jew prokuatur legali mahtur appozitament;

Ikkunsidrat:

17. Illi mill-analizi tal-fatti kif fuq esposti jirrizulta li r-rikors guramentat in dizamina kien ikkonfermat bil-gurament quddiem prokuratur legali;

18. Illi jirrizulta wkoll pero`, li meta l-istess rikors guramentat promotur gie pprezentat lir-registratur biex tinbeda b'hekk il-procedura odjerna, r-rikorrenti Karin Borg Olivier ma kienitx f'Malta u wisq anqas kienet prezenti fir-registru tal-qorti kif tenut;

Ikkunsidrat:

19. Illi in vista tal-premess il-procedura odjerna tirrizulta irregolari u kontra l-ligi;

Ikkunsidrat:

20. Illi ghaldaqstant, hi sodisfatta li l-intimat Cordina pprova din l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

21.0. **Rigward it-tieni eccezzjoni:**

21.1. Illi r-rapprezentanza gudizzjarja hi possibilita statutorjament moghtija f'kazijiet specifici meta min ikun irid jagixxi gudizzjarjament ikun b'xi mod impossibilitat;

21.2. Illi meta din ma tkunx tezisti b'mod legittima, l-attur ghandu l-obbligu li jagixxi personalment;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat Cordina pprova l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari minnu sollevati, u konsegwentement:

**DECIDE:**

22.1. Takkolji l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari in dizamina;

22.2. Tiddikjara li l-procedura odjerna hi ghalhekk nulla

22.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti *proprio et nomine.*

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**